MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 187/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-14 ta' Ġunju, 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi l-attriċi żżewġet lill-konvenut fis-6 ta' Awissu, 1993 ġewwa l-Knisja tas-Silġ, Marsaxlokk (Dok. A).

Illi l-kunsens ta' l-attriċi nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa.

Illi *inoltre* l-kunsens tal-kontendenti għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha.

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

Illi xi waħda mill-partijiet rabtet il-kunsens tagħha ma' kundizzjoni li tirreferi għall-futur.

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens tagħhom għal dan iż-żwieġ.

Illi għalhekk iż-żwieġ ċelebrat mill-kontendenti fis-6 ta' Awissu, 1993 huwa null u bla ebda effett fil-liġi.

Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex dina l-Qorti għar-raġunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat mill-kontendenti fis-6 ta' Awissu, 1993 huwa null u bla ebda effett legali, u tagħti dawk il-provvedimenti kollha l-oħra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fl-20 ta' Jannar, 2006, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi l-eċċipjenti jaqbel li ż-żwieġ tiegħu ma' l-attriċi huwa null, iżda mhux minħabba r-raġunijiet kollha minnha premessi fil-konfront ta' l-eċċipjenti.

2. Illi l-eċċipjenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni *stante* li ż-żwieġ tiegħu ma' l-attriċi huwa wkoll null minħabba fatti attribwibbli lill-attriċi, iżda prinċipalment peress li l-kunsens tagħha kien vizzjat

b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, li fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi u ta' ohrajn.

Rat l-affidavit tal-konvenut u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Elena Naude Depasquale.

Rat il-verbal tat-18 ta' Frar, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1993 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (b), (c), (d), (f) u (h) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut, kif *gia'* ingħad, qabel ma' din it-talba għal raġunijiet oħra.

Kif pero' dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta*

*ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardaw:

19 (1) (c) – qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu;

19 (1) (g) – kunsens marbut ma' xi kundizzjoni li tirreferi għall-futur.

L-attriċi qegħda wkoll tgħid illi l-kunsens kien simulat.

Mill-provi mressqa l-Qorti jidhrilha li dan iż-żwieġ falla kważi mill-ewwel u wieħed mill-ewwel jiskontra dan hekk kif żwieġ li sar fl-1993 jisfaxxa sa nofs l-1996 meta saret separazzjoni konsensali. L-ikbar aggravju ta' l-attriċi huwa l-fatt li l-konvenut kellu problema ta' droga (tipjip ta' ħaxixa) u għalkemm kienet taf biha qabel iż-żwieġ, huwa kien wegħdha li ser jieqaf, iżda reġa' beda bl-istess vizzju wara ż-żwieġ. Filwaqt li l-konvenut jgħid, fost affarijiet oħra, li l-attriċi ma riditx illi miż-żwieġ ikollhom it-tfal. Iż-żwieġ kellu bidu ħażin għaliex il-partijiet ma damux joħorġu flimkien qabel ma żżewġu u kien hemm ċerta differenza fl-eta' li ma kienx hemm żmien biżżejjed qabel iż-żwieġ biex il-partijiet ikunu preparati għal bdil f'ħajjithom, b'riżultat li baqgħu jgħixu ħajja ta' xebba u ġuvni rispettivament. Jidher li l-ġenituri tagħhom xammew x'kien ser jiġri għaliex it-tnejn ippruvaw iħassrulhom qabel iż-żwieġ. Naturalment dan irriżulta filli huma iktar webbsu rashom li jiżżewġu.

Ħafna mill-kontenut ta' l-affidavits prodotti jirrakkontaw episodji wara ż-żwieġ, u naturalment x'ġara wara ż-żwieġ

hu mmaterjali għall-kawża ħlief biex jitfa' dawl fuq l-istat ta' fatt ta' qabel iż-żwieġ, iżda anke hawn, fil-fehma tal-Qorti hemm indikazzjonijiet li ż-żwieġ kien vizzjat. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006);

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Waħda mill-kawżali ta' l-attur hija n-nuqqas ta' diskrezzjoni. Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995). Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Kollox ma' kollox il-Qorti tħoss li għandha tasal għall-konklużjoni li dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null minħabba dak li *gia'* ntqal. Jirriżulta wkoll li malli l-partijiet

kellhom tarbija huma ma setgħux jagħmlu mod ieħor ħlief li jħalluh mal-ġenituri ta' l-attriċi biex din setgħet tibqa' taħdem minħabba l-problemi finanzjarji u baqgħu jgħixu flimkien iżda separatament. Dan ma għenx biex id-diffikultajiet *gia'* eżistenti jiġu solvuti, anzi iktar kibru. Huwa ċar għalhekk li dan ġara minħabba n-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ndikat fil-liġi, u għalhekk il-Qorti jirriżultawlha l-aggravju skond is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi, għalkemm ma jirriżultawx l-aggravji l-oħra.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Awissu, 1993. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------